KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.6.2005
KUMM(2005) 256 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

## Sinteżi ta' l-2004

MT MT

# IL-WERREJ

1. Daħla ... 3
1.1. Il-kuntest tas-Sinteżi ... 3
1.2. Is-Sinteżi ta' l-2004 ... 4
1.3. Il-qafas ta' referenza stabbilit mis-Sinteżi ta' l-2004 ... 5
2. Il-kwistjonijiet ewlenin li jqumu mir-rapporti annwali ta' l-attività ... 5
2.1. L-istampa globali ... 5
2.2. Ir-Rinforz tal-proċess tar-rapport annwali ta' l-attività ... 7
2.3. Ir-rapport tas-Sinteżi u d-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni ... 8
3. Il-kwistjonijiet ewlenin interdixxiplinari li jqumu mir-rapporti annwali ta' l-attività u mir-rakkomandazzjonijiet riċevuti ... 9
3.1. Il-kwistjonijiet dwar il-kontroll ... 9
3.1.1. Il-moviment minn konformità għal metodu ta' effikaċja fil-kontroll intern ... 9
3.1.2. L-amministrazzjoni tar-riskju fil-Kummissjoni kollha ... 10
3.1.3. Il-kejl tat-turija ... 11
3.1.4. L-esternar u l-aġenziji ... 12
3.2. L-amministrazzjoni finanzjarja u r-rapportar ... 12
3.2.1. Ir-*Roadmap* lejn qafas ta' kontroll integrat ... 13
3.2.2. Il-kontrolli *ex-ante* u *ex-post* ... 14
3.2.3. Iż-żamma tal-kotba u r-rapportar finanzarju ... 15
3.2.4. Il-metodi ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ... 16
3.3. Ir-riżorsi umani ... 17
3.3.1. In-nuqqas ta' staff speċjalizzat ... 17
3.3.2. Ir-reklutaġġ ta' uffiċjali mill-Istati Membri l-ġodda u t-taħriġ ... 18
3.3.3. L-irfinar ta' l-istrumenti tar-riforma ... 18
3.3.4. Il-mobilità ... 18
4. Il-Konklużjonijiet ... 19
Anness 1 ... 20
Anness 2 ... 24
Anness 3 ... 28

# 1. DAĦLA

## 1.1. Il-kuntest tas-Sinteżi

Is-**Sinteżi** hija l-aħħar stadju fiċ-ċiklu ta' l-ippjanar strateġiku, li jibda kull sena bl-**istrateġija tal-politika annwali**, fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi l-prioritajiet u l-qafas tal-politika u tal-baġit għas-sena ta' wara. Dan il-qafas jipprovdi punt fejn tibda l-preparazzjoni tal-**programm leġiżlattiv u ta' ħidma tal-Kummissjoni** u tal-**baġit**, u jitbiddel fil-**pjanijiet ta' l-amministrazzjoni annwali** tas-servizzi. Fl-aħħar ta' kull sena, kull Direttur-Ġenerali u kull Kap ta' servizz jipproduċi **rapport annwali ta' l-attività,** li jiddeskrivi r-riżultati tal-politika u s-sitwazzjoni ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll. Dawn ir-rapporti jkollhom magħhom **dikjarazzjoni ta'** assigurazzjoni dwar l-użu xieraq tar-riżorsi u dwar il-kwalità ta' l-amministrazzjoni finanzjarja.

Filwaqt li r-rapporti annwali ta' l-attività jkopru r-riżultati kemm tal-politika kif ukoll ta' l-amministrazzjoni, din is-sinteżi tiffoka fuq il-kwistjonijiet ta' l-amministrazzjoni u ma tipprovdix rendikont tal-kisbiet tal-politika matul is-sena ta' qabel.

F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta dwar ir-riżultati tal-politika tagħha permezz ta' mezzi differenti:

– Kull sena l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-kisbiet politiċi tagħha meta tippreżenta l-istrateġija tal-poliktika annwali tagħha għas-sena ta' wara;

– Jinħareġ rapport speċifiku dwar l-eżekuzzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni fil-bidu ta' kull sena;

– Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni sħiħa ta' l-attivitajiet ta' l-UE fl-2004 fil-forma ta' Rapport Ġenerali, skond l-Artikolu 212 tat-Trattat KE;

– It-total tar-rapporti annwali tad-Direttorati-Ġenerali u tas-servizzi jikkostitwixxi rendikont dettaljat tal-kisbiet politiċi tal-Kummissjoni.

Fid-dawl ta' li ntqal aktar 'il fuq, u minħabba li l-Kummissjoni li ġiet stabbilita mill-ġdid diġà wieżnet il-kisbiet tal-predeċessur tagħha meta ddefiniet l-għanijiet strateġiċi tagħha għall-mandat tagħha, tqis li huwa xieraq li s-Sinteżi tiffoka fuq kwistjonijiet ta' amministrazzjoni.

Is-Sinteżi annwali hija l-għodda li biha l-Kummissjoni tiżen il-mod li bih jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' l-amministrazzjoni mis-servizzi tagħha u tiddeċiedi l-miżuri xierqa biex twieġeb għall-kwistjonijiet interdixxiplinari. Hija wkoll għodda importanti tar-responsabbiltà biex tgħarraf lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar l-istat ta' l-amministrazzjoni tagħha.

Hija bbażata fuq **ir-rapporti annwali ta' l-attività** u d-**dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni** ppreparati minn kull Direttur-ġenerali u Kap ta' servizz.

Hija bbażata wkoll fuq sensiela ta' strumenti li l-Kummissjoni tuża biex timmonitorja l-proċeduri interni tagħha – biex tiżgura li qegħdin jaħdmu kif suppost:

- L-istampa ta' darbtejn fis-sena ta' l-istat tal-kontroll intern fil-Kummissjoni maħruġa taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat-ġenerali għall-Baġit, li kienet prodotta għat-tieni darba f'April 2005.

- Ix-xogħol ta' verifika u l-pariri tas-**Servizz tal-Verifika Interna,** li, b'mod partikolari, kull sena joħroġ rapport annwali tal-verifika u, fl-2004, lesta ċ-ċiklu tal-verifiki tas-sistemi ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll fis-servizzi kollha. Ukoll fl-2004, l-Awditur Intern ħareġ l-ewwel rapport ta' kull sitt xhur dwar ir-riżultati tal-verifiki mwettqa mill-kapaċitajiet tal-verifiki interni tas-servizzi.

- Il-**kumitat dwar il-progress tal-Verifiki** jżomm lill-membri tal-Kummissjoni informati dwar il-kwistjonijiet li jqumu mill-verifiki interni jew esterni jew minn kwistjonijiet relatati mal-verifki fir-riżoluzzjoni annwali tal-ħlas tad-djun mill-**Parlament Ewropew** u jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet korrispondenti jkunu segwiti kif suppost.

Billi tadotta s-Sinteżi annwali, il-Kummissjoni tiżen l-amministrazzjoni tas-servizzi tagħha u tindirizza l-kwistjonijiet orizzontali ewlenin imqajma fir-**rapporti annwali ta' l-attività** tagħhom. Tieħu wkoll deċiżjonijiet dwar ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin li jagħmlu l-**awdituri interni u esterni** u l-**awtorità tal-ħlas tad-djun** u tqis il-konklużjonijiet ewlenin ta' l-**istampa ġenerali ta' l-istat tal-kontroll intern**.

Kull fejn il-Kummissarji jqisu li hija meħtieġa azzjoni li tagħti rimedju fuq livell ta' Kummissjoni, is-sinteżi tistabbilixxi wkoll il-miżuri xierqa, filwaqt li tqis u, fejn ikun xieraq, taġġorna l-azzjoni ppjanata mis-sinteżijiet jew mid-dokumenti l-oħrajn orizzontali ta' qabel.

## 1.2. Is-Sinteżi ta' l-2004

Is-Sinteżi ta' l-2004 tippreżenta l-ewwel opportunità għall-Kummissjoni l-ġdida biex tqis is-sitwazzjoni li tirriżulta mir-**rapporti ta' l-attivitajiet annwali** ta' l-2004 tad-direttorati-Ġenerali u tas-servizzi tagħha.

Għall-2004, dawn ir-rapporti jagħrfu li saru kisbiet sinifikanti u jidentifikaw oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar titjib. Iqajmu wkoll serje ta' kwistjonijiet prinċipali li huma indirizzati fit-tieni parti ta' din is-Sinteżi. Il-Kummissjoni tinnota titjib ġenerali fil-kwalità tar-rapporti annwali.

Ir-rakkomandazzjonijiet mill-**awdituri interni u esterni** u l-konklużjonijiet ta' l-**istampa ġenerali tal-kontroll** jindikaw li s-servizzi tal-Kummissjoni mxew 'il quddiem fuq il-miżuri ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll, kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà. Issa hemm definizzjoni aktar ċara tar-responsabbiltajiet fil-livelli kollha, qafas bażiku u kondizzjonijiet li taħthom għandhom jaħdmu s-servizzi sabiex titjieb ir-responsabbiltà, kif ukoll arranġamenti għas-sorveljanza politika mill-Kummissarji tax-xogħol ta' l-amministrazzjoni. L-istess dokumenti jidentifikaw ukoll l-oqsma fejn is-servizzi għandhom jagħmlu aktar sforzi u jindikaw b'mod preċiż l-esperjenza li għandha tinkiseb. It-tielet parti ta' din is-Sinteżi għandha x'taqsam mal-kwistjonijiet li jaqtgħu fil-qasir ewlenin f'dan il-kuntest.

Is-Sinteżi ta' l-2004 waslet fi żmien meta l-programm ambizzjuż ta' riforma tal-Kummissjoni mniedi fl-2000 essenzjalment laħaq l-għan tiegħu: il-prioritajiet tal-politika jsuqu l-azzjoni tiegħu u l-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju deċentralizzati żjiedu r-responsabbiltà fuq il-livelli kollha, mill-Kummissarji sal- individwali ta' l-istaff, biex b'hekk jiġi żgurat valur aħjar għall-flus għaċ-ċittadini ta' l-UE.

Il-Kummissjoni tqis li l-qafas li hemm se jagħtiha l-opportunità biex tikseb l-għan tagħha li ttejjeb l-effikaċja, l-effiċjenza u l-kwalità ta' xogħolha. Fil-futur il-kompiti ewlenin se jkunu li jiġu rfinati l-proċeduri mibnija fuq dak il-qafas, jiżdied l-infurzar fejn ikun meħtieġ u jiġu ssemplifikati l-kontrolli fejn huwa permissibbli.

### 1.3. Il-qafas ta' referenza stabbilit mis-sinteżi ta' l-2004

Xi wħud mill-kwistjonijiet li jaqtgħu fil-qasir jew settorali li, l-Kummissjoni tieħu pożizzjoni dwarhom fis-Sinteżi, joħorġu mir-**rapporti annwali ta' l-attività** tas-servizzi, b'mod partikolari min-nuqqasijiet li jiġu żvelati b'mod esplicitu (riżervi). Dawn jinkludu l-ħtieġa: li jiġi rinforzat il-kontroll intern fejn il-kompiti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit huma ddelegati barra mill-Kummissjoni; biex tjngħataw aktar attenzjoni l-kontrolli *ex-post* u s-sorveljanza; u biex tkompli tiġi żviluppata metodoloġija komuni biex jiġu kkwantifikati n-nuqqasijiet minn 'familji' ta' servizzi li jaħdmu fl-istess kuntest.

**Rakkomandazzjonijiet** oħrajn fir-rapporti bħar-rapport annwali ta' l-Awditur Intern jew l-istampa ġenerali tal-kontroll intern jinkludu lamministrazzjoni possibbli tar-riskju fil-Kummissjoni kollha, li tinkoraġġixxi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni permezz tar-rapporti annwali ta' l-attività u s-sinteżi, l-għeluq tal-kontijiet mill-Uffiċjal taż-Żamma tal-Kotba, u r-*roadmap* lejn qafas integrat tal-kontroll.

Li tkun prodotta risposta xierqa għal dawn il-kwistjonijiet trid titqies bħala kompitu għal perjodu ta' żmien medju. Din hija r-raġuni għaliex din is-Sinteżi tagħlaq b'serje ta' għanijiet (ara l-Anness 1) li jindirizzaw il-kwistjonijiet interdixxiplinari li huma ta' kritika għall-ħidma ta' l-amministrazzjoni. Permezz ta' qafas integrat tal-kontroll, amministrazzjoni tar-riskju aktar komprensiva, iċ-ċertifiktazzjoni ta' l-integrità, il-konsistenza u l-kredibilità tal-kontijiet u tal-miżuri l-oħrajn, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex twettaq it-titjib fit-turija li huma possibbli permezz tar-riforma. Is-suċċess ta' l-ambizzjonijiet tal-Kummissjoni se jintlaħaq permezz tal-funzjonament effettiv tal-proċessi tal-kontroll intern, ikkonfermati mill-istituzzjonijiet l-oħrajn ta' l-UE, bħall-Qorti ta' l-Awdituri.

## 2. IL-KWISTJONIJIET EWLENIN LI JQUMU MIR-RAPPORTI ANNWALI TA' L-ATTIVITÀ

### 2.1. L-istampa globali

Wara li eżaminat ir-rapporti annwali ta' l-attività u, b'mod partikolari, id-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni ffirmata minn kull Direttur-Ġenerali u kull Kap tas-servizzi, il-Kummissjoni tinnota li:

- Dwar *in-nefqa amministrattiva,* f'servizz minnhom (l-Uffiċċju tat-Teżor) id-"Direttur tar-Riżorsi" ma ffirmax id-dikjarazzjoni tiegħu għaliex ħass illi l-punti ta' -dgħufija marbutin mat-tħaddim min-naħa ta' l-uffiċċju tas-sistema l-ġdida ta' l-informazzjoni biex jiġu kkalkulati l-pagi u l-pensjonijiet, li għadha qed tevolvi, kienu importanti wisq. Wara l-verifika tal-kwistjonijiet li kienu l-bażi ta' dan ir-rifjut, il-Kap tas-servizz ikkonkluda li dawn il-kwistjonijiet, li kienu diġà magħrufa, ma kinux ta' tali natura li jaffettwaw l-assigurazzjoni raġonevoli li tkun mar-rapport annwali ta' l-attività. Il-kwistjoni għaddiet għand il-Kummissarju responsabbli, li ddeċieda li jitlob analiżi indipendenti biex jikkontrolla l-veraċità u l-materjalità tal-kwistjonijiet u l-kontrolli interni li hemm biex itaffu r-riskji assoċjati.

- Dwar l-azzjoni *li wettqu direttament is-servizzi tal-Kummissjoni,* kien possibbli li jitneħħew ir-riservi li kien hemm qabel li għandhom x'jaqsmu mal-kontrolli *ex-post* għall-parti l-kbira tas-servizzi. Definizzjoni aktar ċara tal-livell aċċettabbli ta' l-iżball tista' twassal għal bilanċ aħjar bejn ir-riskji li tabilħaqq jiġu faċċjati u l-kontrolli li għandhom isiru, b'mod partikolari l-kontrolli *ex-post.* Fil-*qasam tar-riċerka,* il-frekwenza ta' l-iżbalji għall-għotjiet ibbażati fuq ir-rimborż ta' l-ispejjeż reali ddikjarati mill-benefiċjarji hija problema persistenti. Is-semplifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu introdotti mir-Regolament Finanzjarju rivedut propost mill-Kummissjoni, kontrolli *ex-post* aktar iffokati u armonizzati flimkien ma' kundizzjonijiet imtejba ta' l-amministrazzjoni taħt is-6 Programm Qafas ser jgħinu biex tittaffa din il-problema, ukoll jekk għalissa jeżistu problemi bħar-rimborżi li saru fuq il-bażi ta' l-ispejjeż reali relatati li għandhom x'jaqsmu mal-qafas legali kurrenti. Barra minn hekk, fis-7 Programm Qafas tħabbru aktar miżuri mmirati lejn is-semplifikazzjoni u ser jiġu implimentati meta jkun imisshom.

- Meta l-fondi ta' l-UE jiġu implimentati mill-*amministrazzjoni konġunta ma' l-Istati Membri,* is-servizzi konċernati setgħu jidentifikaw aħjar in-nuqqasijiet li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-baġit mill-awtoritajiet nazzjonali u, f'ċerti każijiet, jillimitaw l-impatt tagħhom f'termini ta' flus kif ukoll fuq l-assigurazzjoni raġonevoli. Bħalissa għaddej aktar xogħol u għandu jitkompla sabiex jiġu żvelati, kif inhu xieraq, il-materjalità u l-impatt tal-punti ta' dgħufija li jaffettwaw is-sistemi ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll minflok it-transazzjonijiet individwali. Il-miżuri li se jiġu proposti taħt ir-*Roadmap* lejn qafas integrat tal-kontroll jew diġà ġew proposti fil-kuntest tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 jistgħu jiksbu assigurazzjoni akbar mill-Istati Membri.

- Fil-qasam ta' l-*amministrazzjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi,* ir-riskju konsiderevoli inerenti f'dan il-metodu ta' amministrazzjoni jitlob attenzjoni aktar mill-qrib għall-qafas tal-kontroll sabiex tkun iggarantita l-assigurazzjoni meħtieġa għal din it-tip ta' operazzjoni.

- *Ir-rappreżentazzjonijiet* fl-Istati Membri u d-*delegazzjonijiet* fil-pajjiżi terzi huma suġġetti għal riservi li ntirtu mis-snin ta' qabel. Is-servizzi qed jiddefinixxu l-azzjoni dwar is-sistemi ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll li għandu jkun hemm fid-delegazzjonijiet u fir-rappreżentazzjonijiet, sabiex tkun iffaċilitata t-tneħħija tar-riservi mill-aktar fis possibbli. B'mod partikolari, wara evalwazzjoni ta' l-organizzazzjoni tas-servizz estern u rapport speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar id-Devoluzzjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-għajuna esterna fid-Delegazzjonijiet li saru fl-2004, huwa ppjanat ristrutturar għall-2005, l-aktar tas-sistemi ta' l-informazzjoni u l-missjonijiet tal-kontroll.

Fl-Anness 3 ta' din is-Sinteżi tingħata stampa ġenerali tat-tendenzi fir-riservi kollha f'dawn l-aħħar snin.

**Konklużjonijiet**

**Is-sitwazzjoni fis-servizzi, kif tintwera mir-rapporti annwali ta' l-attività tagħhom, hija sodisfaċenti b'mod ġenerali. Il-kwistjonijiet ewlenin li ġew enfasizzati mir-riservi huma punti ta' dgħufija li ġeneralment dejjem jerġgħu joħorġu, li diġà ġew indikati fis-snin ta' qabel u li għalihom qed tittieħed azzjoni biex jinstab rimedju. Għalhekk, għadd ta' miżuri għad iridu jiġu żviluppati jew imtejba u implimentati b'mod xieraq sabiex jappoġġjaw aħjar l-assigurazzjoni raġonevoli tas-servizzi fejn għandhom x'jaqsmu l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet tal-bażi, b'mod partikolari iżda mhux biss, fil-qafas ta' l-amministrazzjoni komuni u deċentralizzata. F'dan ir-rigward, ir-*roadmap* lejn qafas integrat tal-kontroll intern u l-impenn assoċjat ta' l-atturi finanzjarji kollha**

**ser ikunu strumentali biex jipprovdu lill-Qorti ta' l-Awdituri b'bażi solida li fuqha tkun tista' telabora l-opinjoni tagħha. Kwistjonijiet speċifiċi interdixxiplinari li jeħtieġu l-attenzjoni fuq livell ta' Kummissjoni huma indirizzati aktar 'l isfel f'din is-Sinteżi.**

## 2.2. Ir-rinforz tal-proċess tar-rapport annwali ta' l-attività

Il-proċessi għar-rapporti annwali ta' l-attività ġew emendati u stabbilizzati. Fir-rapporti annwali ta' l-attività ta' l-2004, is-servizzi ntalbu jiddeskrivu b'aktar dettall l-ambjent amministrattiv tagħhomu r-riskji ewlenija li jiffaċċjaw. B'mod ġenerali, ir-riservi huma aktar preċiżi u koerenti u l-impatt tagħhom fuq l-assigurazzjoni raġonevoli tas-servizzi fuq l-użu tar-riżorsi u fuq il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet spiss hija appoġġjata minn raġunament espliċitu.

Il-Qorti ta' l-Awdituri rrikkmandat li għall-fondi taħt amministrazzjoni komuni r-riżultati tal-kontrolli ta' l-Istati Membri għandhom jiġu rraportati fir-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi. Dan ġie żgurat mis-servizzi konċernati.

Matul u wara ir-reviżjoni minn partijiet indaqs (*peer review*) tar-riservi potenzjali għar-rapporti annwali ta' l-attività ta' l-2004 tas-servizzi, tliet 'familji' tas-servizzi bdew jaħdmu lejn metodu aktar konsistenti biex jivvalutatw is-serjetà (il-materjalità) tal-punti ta' dgħufija skoperti għall-qasam tagħhom tal-baġit u biex jiddeterminaw l-impatt finanzjarju potenzjali tal-punti ta' dgħufija sistematiċi.

Il-**Qorti ta' l-Awdituri** rrikonoxxiet il-progress miksub diġà bbażat fuq ir-rapporti annwali ta' l-attività ta' l-2003 tas-servizzi, iżda madankollu ddikjarat li l-miżura tar-riservi li esprimew uħud mid-dipartimenti mhuwiex kompatibbli ma' l-assigurazzjoni raġonevoli mogħtija. Barra minn hekk, kif tindika l-**istampa ġenerali dwar il-kontroll intern,** xi servizzi għad għandhom bżonn jiddeskrivu f'aktar dettall, fir-rapporti annwali ta' l-attività tagħhom, l-ambjent li jaħdmu fih, inklużi r-riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom, b'mod partikolari r-riskji li xorta jibqgħu wara li tkun ittieħdet azzjoni biex jittaffew.

**Konklużjonijiet**

***Rapporti annwali ta' l-attività aktar iffokati u espliċiti:* Minkejja li sar progress tajjeb f'bosta każijiet, id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom ikomplu jirrinforzaw l-ispjegazzjoni ta' l-ambjent tagħhom u tar-riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom, inklużi dawk ir-riskji li xorta jibqgħu wara li jkunu ttieħdu miżuri biex jitaffew. L-impatt ta' l-ambjent tagħhom u r-riskji fuq l-amministrazzjoni u l-kontrolli għandhom ikunu aktar espliċiti u fil-parti l-kbira tal-każijiet għandhom jingħataw spjegazzjonijiet aktar dettaljati dwar l-impatt ġenerali tar-riservi fuq l-assigurazzjoni raġonevoli.**

***Rapportar aktar bilanċjat* : Fit-tieni parti ta' l-2005 ser issir riflessjoni dwar is-semplifikazzjonijiet possibbli sabiex jintlaħaq bilanċ aħjar bejn ir-riżultati tal-politika u l-kwistjonijiet tal-kontroll intern u ta' l-amministrazzjoni finanzjarja fuq il-livell kemm tar-rapporti annwali ta' l-attività kif ukoll tas-sinteżi. Barra minn hekk, se tiġi rinforzata t-tmexxija mogħtija lis-servizzi u ser tkun integrata ma' l-istruzzjonijiet kollha li jissemmew f'bosta mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'sett wieħed globali.**

***Il-metodoloġija komuni tal-'familji'*: bl-għajnuna tas-servizzi ċentrali, ser tkun ippreprata metodoloġija komuni biex jiġi determinat il-limitu tal-punti tad-dgħufija tal-materjalità, inklużi dawk sistemiċi, għar-rapporti annwali ta' l-attività ta' l-2005 sabiex**

**l-impatt tagħhom fuq l-assigurazzjoni raġonevoli għall-'familji' ta' l-*amministrazzjoni komuni, tar-riċerka* u tal-*politika interna* jiġi vvalutat b'mod aktar koerenti.**

## 2.3. Ir-rapport tas-sinteżi u d-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni

Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar i-ħlas tad-djun għall-2003, il-**Parlament Ewropew** stieden lill-Kummissjoni sabiex tikkonverti s-sinteżi annwali tar-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi f'dikjarazzjoni konsolidata ta' assigurazzjoni dwar l-amministrazzjoni finanzjarja u l-kontrolli tal-Kummissjoni b'mod ġenerali.

L-għan li huwa l-bażi ta' din il-proposta huwa li tissaħħaħ l-espressjoni tar-responsabbiltà li fuqha l-Qorti ta' l-Awdituri tista' tibbaża l-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni tagħha. Ir-rapport annwali tas-sinteżi diġà fih il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet ewlenin ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll u, fir-rapport annwali tagħha għall-2003, il-Qorti indikat li r-rapport tas-Sinteżi diġà analizza, għall-ewwel darba, l-assigurazzjonijiet ipprovduti mis-sistemi tal-kontroll u tas-sorveljanza.

Barra minn hekk, is-sinteżi hija att li permezz tiegħu l-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltà politika tagħha, billi tanalizza r-rapporti annwali ta' l-attività u d-dikjarazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom u billi tadotta pożizzjoni dwar il-kwistjonijiet orizzontali ewlenin, inkluża azzjoni xierqa dwar kwistjonijiet li għandhom bżonn rimedju fuq livell ta' Kummissjoni. Dan il-metodu huwa bażat fuq ir-riforma, li ddeċentralizzat ir-responsabbiltajiet ta' l-amministrazzjoni lid-Diretturi-ġenerali u lill-Kapi tas-servizzi, taħt is-sorveljanza politika tal-Kummissarju rilevanti.

Għalhekk is-sistema li hemm bħalissa tipprovdi l-assigurazzjonijiet mfittxija mill-perspettiva ta' l-amministrazzjoni. Fi ħdan din is-sistema, jista' jsir aktar progress fil-parti l-kbira tal-każijiet billi tissaħħaħ ir-responsabbiltà espressa fir-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi, permezz ta' riservi aktar preċiżi u definizzjoni aħjar ta' l-impatt tar-riservi fuq l-assigurazzjoni raġonevoli li tkun mar-rapporti annwali ta' l-attività.

**Konklużjonijiet**

***Inkoraġġiment għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni:* Il-kwalità tar-rapporti annwali ta' l-attività ta' għadd ta' servizzi għandha tittejjeb aktar, f'termini ta' għażla ta' kliem aktar ċara għar-riservi u definizzjoni ta' l-impatt tagħhom, biex jissaħħu l-assigurazzjonijiet mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni u li huma vvalutati mill-Kummissjoni fir-rapport tas-sinteżi. F'dan il-kuntest, ir-responsabbiltà tal-Kummissarji biex titkompla l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u ċ-ċirkustanzi fis-servizzi fil-portafoll tagħhom tista' tiġi rtirata.**

# 3. Il-kwistjonijiet ewlenin li jagtgħu fil-qasir li jqumu mir-rapporti annwali ta' l-attività u r-rakkomandazzjonijiet riċevuti

## 3.1. Il-kwistjonijiet tal-kontroll

*Ir-riforma stabbiliet qafas rinforzat ta' amministrazzjoni u kontroll u strumenti ġodda, bħar-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi, biex iħallu lill-Kummissjoni tagħti rendikont xieraq tal-kompiti li hija responsabbli għalihom. Iddaħħlu metodi diversifikati għall-*

*implimentazzjoni, b'mod partikolari permezz tad-delegazzjoni lil partijiet terzi fil-qasam tal-baġit.*

*Issa l-Kummissjoni qed tiffaċċa l-isfidi biex ittejjeb l-effikaċja tas-sistemi tagħha tas-sorveljanza u tal-kontroll, biex tirrinforza l-amministrazzjoni tar-riskju fuq livell dipartimentali u biex tiżviluppa amministrazzjoni tar-riskju mal-Kummissjoni kollha, kif ukoll biex ittejjeb l-arranġamenti tas-sorveljanza għall-aġenziji.*

### *3.1.1. Minn konformità għal metodu ta' effikaċja fil-kontroll intern*

Wara l-ewwel fażi fejn l-isforzi tas-servizzi kienu ffokati fuq it-*tfassil* tas-sistemi tal-kontroll intern u fuq il-*konformità ma' l-istandards tal-kontroll intern* (is-servizzi qiesu li kkonformaw bejn wieħed u ieħor ma' 93% tal-kondizzonijiet meħtieġa bażiċi fi tmiem is-sena), is-servizzi issa qed jikkonċentraw biex itejbu *kif tabilħaqq jaħdmu dawn is-sistemi* u kif jaħdmu l-komponenti tagħhom.

Ladarba l-Kummissjoni timmira li tikseb amministrazzjoni u kontrolli effiċjenti u effettivi, is-servizzi jridu l-ħin kollu jirfinaw is-sistemi tal-kontroll tagħhom sabiex jiżguraw li joffru għajnuna vera lill-maniġers u li l-kontrolli jiffokaw fuq il-kwistjonijiet l-aktar riskjużi. Il-konsolidazzjoni tas-sistemi tal-kontroll permezz ta' moviment lejn metodu ta' effikaċja sħiħa, li jinkludi kontroll intern u analiżi tar-riskju fl-amministrazzjoni ta' kuljum lil hinn mill-isfera ta' l-amministrazzjoni finanzjarja, hija żvilupp loġiku tar-riforma mnedija fl-2000.

L-oqsma li jeħtieġu attenzjoni speċjali jinkludu l-proċeduri tal-ksib, il-kuntratti u l-modi kif jingħataw l-għotjiet, b'mod partikolari l-proċess ta' l-għażla. Hemm bżonn ukoll li jingħelbu r-riskji ta' l-għoti ta' fondi doppji u tal-pagamenti iżjed milli suppost, biex titnaqqas il-frekwenza ta' l-iżbalji u l-proċeduri jsiru ftit aktar issemplifikati. Hemm bżonn ta' proporzjonalità akbar fit-twaqqif ta' sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll li jagħtu valur tajjeb meta mqabbla mal-flus li ntefqu u l-**istampa ġenerali tal-kontroll intern** issemmi dawn l-oqsma li ġejjin fejn jista' jsir titjib: is-sorveljanza fil-qasam finanzjarju, li l-amministrazzjoni tar-riskju tkun inkluża fl-amministrazzjoni ta' kuljum u biex tinkiseb proporzjonalità aħjar fit-twaqqif ta' fit-twaqqif ta' sistemi ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll li jagħtu valur tajjeb meta mqabbla mal-flus li ntefqu. Dan jimplika reviżjoni regolari tal-punti finanzjarji rilevanti u ta' kemm huma adegwati s-sistemi tas-sorveljanza u tal-kontroll, b'kontroll tal-potenzjal għad-dipendenza fuq uħud mill-kuntratturi, u li jitqiesu r-riżultati tal-kontrolli u tar-rakkomandazzjonijiet tal-verifiki *ex-post*. F'dan il-kuntest, hemm bżonn li jitwaqqaf livell aċċettabbli ta' riskju jew ta' żball, jekk huwa possibbli bi ftehim ma' l-istituzzonijiet l-oħrajn.

L-**Awditur Intern** jirrikkmanda li tingħata attenzjni partikolari lill-prevenzjoni tar-riskji li jingħataw fondi doppji, lill-kollużjoni, lill-kunflitt ta' l-interessi, lin-negozju illegali minn persuni li għandhom tagħrif minn ġewwa, lill-konċentrazzjoni tal-Fondi Komunitarji għand ċerti kuntratturi jew benefiċjarji u lid-dipendenza fuq kuntratturi fil-każ li x-xogħol jingħata lil barranin.

Barra minn hekk, minkejja li l-esperjenzi li jiltaqgħu magħhom id-Direttorati-Ġenerali ż-żgħar, l-uffiċċji u d-delegazzjonijiet ivarjaw, ċerti diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' l-istandards għall-Kummissjoni kollha huma nnotati fl-**istampa ġenerali tal-kontroll intern.** F'ċerti każijiet, huwa enfasizzat in-nuqqas ta' riżorsi, filwaqt li f'każijiet oħrajn hija nnotata l-ħtieġa li jiġu rfinati l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet. Kwistjoni oħra li għandha x'taqsam ma' l-uffiċċji hija li jiddependu mill-aġenti tal-kuntratti (sa 40%). Din is-sitwazzjoni, jekk ma

tiġix immaniġġjata sew, tista', fiż-żmien tranżitorju, toħloq diffikultajiet fil-bini ta' kompetenzi u għarfien kif ukoll problemi matul it-trasferiment tas-setgħat lil ħaddieħor. L-istampa ġenerali tal-kontroll intern tenfasizza r-riskju għall-kontinwità tan-negozju fl-uffiċċji jekk il-proċess il-ġdid ta' l-għażla ta' l-aġenti tal-kuntratt ma jitwettaqx f'waqtu. Fl-aħħarnett, hija ppjanata evalwazzjoni fuq tliet snin ta' l-*uffiċċji amministrattivi* tal-Kummissjoni li nħolqu dan l-aħħar u ser titwettaq. Għandha tqis b'mod partikolari l-miżuri tas-semplifikazzjoni.

Dwar l-*uffiċċji inter-istituzzjonali,* qed jittieħdu miżuri biex jinstab rimedju għal nuqqas possibbli tad-delimitazzjoni tar-responsabbiltajiet matul ir-reviżjoni li tibqa' għaddejja kontinwament tar-regolament finanzjarju, fil-forma ta' delegazzjoni diretta tas-setgħat ta' l-uffiċjal li jawtorizza minn kull istituzzjoni lill-uffiċċju.

**Konklużjonijiet**

***Aktar titjib ta' għall-valur li jinkiseb meta mqabbel mal-flus li ntefqu tas-sistemi tas-sorveljanza u tal-kontroll:*** **Is-servizzi għandhom ikomplu jissikkaw il-monitoraġġ ta' l-effikaċja tal-kontroll intern tagħhom, bl-għajnuna tas-servizzi ċentrali. Il-koordinatur tal-kontroll intern f'kull servizz għandu jagħmel reviżjoni regolari ta' l-effikaċja tal-kontroll intern, ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli mir-riżultati tal-kontrolli, l-eċċezzjonijiet li saru u l-punti rilevanti, sabiex jitjiebu l-proċeduri relatati jew jiġu modifikati s-sistemi tal-kontroll. Din ir-reviżjoni għandha ssir, għall-inqas, fil-kuntest ta' l-informazzjoni li tingħata darbtejn fis-sena lill-Kummissarji u fil-kuntest tar-rapport annwali ta' l-attività.**

### *3.1.2. L-amministrazzjoni tar-riskju fil-Kummissjoni kollha*

Fil-prinċipju, darba fis-sena, b'mod regolari, is-servizzi tal-Kummissjoni jagħmlu eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju. Qed tiġi żviluppata metodoloġija aktar b'saħħitha, ibbażata fuq eżerċizzju pilota li jinvolvi bosta servizzi u li beda fl-2004, li jorbot l-amministrazzjoni tar-riskju b'mod aktar ċar mal-proċess ta' l-ippjanar.

Flimkien ma' l-amministrazzjoni tar-riskju mwettqa fuq livell ta' servizz, bosta attivitajiet li jitwettqu b'mod regolari jgħinu biex jitqajjem għarfien tar-riskji u biex jiġu żviluppati miżuri xierqa biex dawn jiġu indirizzati mill-perspettiva tal-Kummissjoni sħiħa. Dan huwa l-każ biex jitqassmu r-riżorsi għal attivitajiet ta' prijorità fil-bidu taċ-ċiklu ta' l-ippjanar strateġiku u għall-evalwazzjoni minn qabel ta' l-impatti pożittivi u negattivi possibbli ta' l-inizjattivi l-kbar. Dwar kwistjonijiet ta' l-amministrazzjoni, il-linji tar-rapportar regolari issa huma stabbiliti u qed jaħdmu tajjeb bejn il-Kummissarji u d-dipartimenti li huma inkarigati minnhom. Grupp ta' Kummissarji jeżamina bir-reqqa l-investigazzjonijiet kollha mnedija mill-uffiċċju kontra l-frodi sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-Kulleġġ lejn kwistjonijiet gravi. L-awdituri u l-istampa ġenerali tal-kontroll intern jindikaw in-nuqqasijiet interdixxiplinari u n-nuqqasijiet sistemiċi fuq bażi annwali. Il-Kumitat dwar il-Progress tal-Verifika qiegħed itejjeb il-proċess tat-tkomplija fuq r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-verifika li għandhom impatt fuq livell ta' Kummissjoni.

L-**Awditur Intern** u l-**Parlament Ewropew** iqisu, madankollu, li l-kultura tal-Kummissjoni ta' l-amministrazzjoni tar-riskju għandha bżonn tissaħħaħ u jaraw il-ħtieġa għal metodoloġija ta' l-amministrazzjoni tar-riskju għall-Kummissjoni kollha.

L-**Awditur Intern** jinnota li l-amministrazzjoni tar-riskju għandu tkun inkluża fil-proċess regolari ta' l-amministrazzjoni ta' kull servizz u jissuġġerixxi metodu għall-Kummissjoni kollha għall-amministrazzjoni tar-riskju, li jirriżulta fi stampa ġenerali konsolidata tar-riskju fuq livell ta' Kummissjoni li tippermetti stampa minn fuq għal isfel tar-riskji ewlenin.

**Konklużjonijiet**

***L-iżvilupp ta' l-amministrazzjoni tar-riskju fil-Kummissjoni kollha*: Il-metodoloġija tal-Kummissjoni kollha, li ser titwaqqaf sal-Ħarifa ta' l-2005, ser tintroduċi l-valutazzjoni tar-riskju fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-prioritajiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi. Din se tingħata forma aktar soda fil-pjanijiet ta' l-amministrazzjoni u fir-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi. F'perjodu ta' żmien daqsxejn twil, il-metodu għandu wkoll jindirizza kif għandha tiġi mmaniġġjata l-amministrazzjoni tar-riskju fi ħdan 'familji' ta' attivitajiet simili fis-servizzi.**

*3.1.3. Il-kejl tat-turija*

Il-parti l-kbira tas-servizzi għamlu reviżjoni ta' l-għanijiet u ta' l-indikaturi fl-istadji kemm ta' l-ippjanar kif ukol tar-rapportar, bl-għajnuna tas-servizzi ċentrali sabiex tittejjeb, b'mod partikolari, il-kwalità tad-dokumenti u tar-rapporti ('dikjarazzjonijiet ta' attività') mressqa mill-Kummissjoni lill-awtorità tal-baġit flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit annwali.

L-**Awditur Intern** u l-**Parlament Ewropew** iqisu li l-kwalità ta' l-għanijiet u ta' l-indikaturi tista' tittejjeb aktar u jistgħu jittieħdu aktar passi biex it-turija titkejjel u tkun evalwata. Il-Qort ta' l-Awdituri stiednet ukoll lill-Kummissjoni biex tipproduċi indikaturi li jkopru l-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet u jkejlu t-turija tas-sistemi tal-kontroll intern.

L-**istampa ġenerali tal-kontroll intern** u ta' l-**Awditur Intern** jindikaw ukoll il-ħtieġa li jitqiesu b'mod aktar sħiħ il-lezzjonijiet li nkisbu mill-esperjenza fl-imgħoddi fil-proċess li permezz tiegħu ssir l-politika, per eżempju r-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet.

**Konklużjonijiet**

***Jiġu eżaminati l-kejl u l-evalwazzjoni tat-turija:* Il-Kummissjoni ser tanalizza l-għanijiet u l-indikaturi eżistenti fil-kuntest ta' reviżjoni minn partijiet indaqs min-naħa tal-'familji', biex issir reviżjoni ta' kif l-għanijiet u l-indikaturi jistgħu jsiru għodod aktar operattivi għall-amministrazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni.**

*3.1.4. L-esternar u l-aġenziji*

Fil-komunikazzjoni tagħha ta' Frar 2004 dwar il-qafas finanzjarju għall-2007-2013, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq l-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-politika taħt it-Trattat u identifikat bħala prinċipji għall-kontroll amministrattiv "amministrazzjoni inqas dirett,a kontroll aħjar tat-twassil u valur aħjar meta mqabbla mal-flus li jintefqu".

Meta l-kompiti ta' l-implimentazzjoni huma esternati permezz ta' *aġenziji eżekuttivi,* li l-Kummissjoni tiddelegalhom is-setgħat biex jimplimentaw programm jew proġett Komunitarju, japplikaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-kontroll intern identiċi għal dawk li huma fis-seħħ fil-Kummissjoni, li jħallu lill-Kummissjoni teżerċita sorveljanza sħiħa.

B'kuntrast, *l-aġenziji regolatorji* - i.e. l-aġenziji Komunitarji li mhumiex eżekuttivi huma korpi awtonomi. Filwaqt li l-parti l-kbira ta' dawn l-aġenziji huma, għall-inqas parzjalment, mogħtija fondi mit-taqsima tal-baġit tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha biss kontroll limitat fuq l-attivitajiet tagħhom. Madankollu, l-azzjoni ta' l-aġenziji regolatorji tista' f'xi ċirkostanzi jkollha effett fuq ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, l-**istampa ġenerali tal-kontroll intern** tqajjem il-kwistjoni ta' mekkaniżmi li jħallu lill-Kummissjoni timmonitorja aġenziji bħal dawn. Wara l-*White Paper* dwar il-Kontroll Ewropew, il-Kummissjoni diġà nediet inizjattiva biex tipprova tiddefinixxi l-qafas operattiv għall-ħolqien, għat-tħaddim u għas-sorveljanza ta' l-aġenziji regolatorji Ewropej, li se jiġu miftiehma mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Dan l-abbozz qafas jimmira, b'mod partikolari, li jistabbilixxi r-responsabbiltajiet rispettivi ta' l-aġenziji regolatorji u ta' l-istituzzjonijiet differenti. Barra minn hekk, l-arranġamenti meħtieġa għall-monitoraġġ għandhom jiġu ċċarati sabiex il-Kummissjoni titħalla teżerċita b'mod sħiħ ir-responsabbiltà politika u tal-baġit tagħha, jekk ikun meħtieġ.

**Konklużjonijiet**

***Ir-responsabbiltà sħiħa tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji esekuttivi:*** **Dwar it-tħaddim ta' l-aġenziji esekuttivi, il-Kummissjoni ser teżerċita d-dmirijiet tagħha ta' sorveljanza b'mod sħiħ. Is-sinteżi li jmiss ser tirrapporta għall-ewwel darba dwar it-tħaddim ta' l-aġenziji eżekuttivi l-ġodda.**

***Jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kummissjoni u ta' l-aġenziji regolatorji*:** **Għandhom isiru negozjati interistituzzjonali fl-2005 ibbażati fuq l-abbozz tal-ftehim interistituzzjonali tal-Kummissjoni dwar qafas għall-aġenziji regolatorji. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tas-servizzi tal-Kummissjoni u ta' l-aġenziji regolatorji ser jiġu ċċarati b'mod parallel.**

### 3.2. L-amministrazzjoni finanzjarja u r-rapportar finanzjarju

*L-amministrazzjoni finanzjarja nbidlet b'mod radikali billi r-Regolament Finanzjarju, li daħal fis-seħħ fl-2003, ngħata sura ġdida billi ġie introdott it-tqassim tal-baġit fuq bażi ta' l-attività fl-2004 u billi kien hemm transizzjoni għal żamma tal-kotba ibbażat fuq l-akkumulazzjoni ta' l-imgħax b'effett minn Jannar 2005.*

*Il-Kummissjoni issa qed tipproponi lill-istituzzjonijiet l-oħrajn* roadmap *lejn qafas integrat tal-kontroll, li se tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati tagħha b'assigurazzjoni akbar dwar l-użu legali u regolari tal-flus ta' l-UE, inkluż taħt amministrazzjoni komuni ma' l-Istati Membri. Il-kontrolli* ex-post *ukoll se jkunu ffokati u armonizzati aktar, b'mod partikolari billi tiġi żgurata aktar konsistenza fuq il-livell tal-'familji' tas-servizzi.*

Għall-għaxar darba, il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri ppreżentat dikjarazzjoni annwali ta' l-assigurazzjoni li fil-parti l-kbira kienet pożittiva dwar il-kredibilità tal-kontijiet, l-impenni u r-riżorsi tagħha stess, iżda li indikat li l-Qorti ma tistax tipprovdi assigurazzjonijiet għall-pagamenti kollha iżda biss għan-nefqa amministrattiv.

Il-Kummissjoni tqis li wieħed mill-għanijiet tagħha għandu jkun li toħloq il-kundizzjonijiet li jħallu lill-Qorti l-twassal dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni flimkien ma' kritika minuri biss. Dan jimplika mhux biss aktar sforzi min-naħa tal-Kummissjoni f'bosta oqsma, iżda wkoll il-parteċipazzjoni attiva ta' l-Istati Membri fl-inizjattiva, ladarba, taħt it-Trattat, minkejja li l-

Kummissjoni għandha r-responsabbiltà unika għall-implimentazzjoni tal-baġit, madwar 80% tal-baġit huwa implimentat mill-Istati Membri taħt *amministrazzjoni komuni*.

Fil-qasam taż-żamma tal-kotba u tar-rapportar finanzjarju, ittieħdu passi kbar 'il quddiem fl-2004, meta saru l-preparazzjonijiet għat-transizzjoni lejn iż-żamma tal-kotba bl-akkumulazzjoni ta' l-imgħax sabiex iż-żamma tal-kotba ġenerali li għandha x'taqsam mal-baġit ġenerali ta' l-UE setgħet tibda taħdem fuq bażi ta' żjieda sħiħa ta' l-imgħax minn Jannar 2005, kif kien ippjanat. Fl-2004 il-Kummissjoni implimentat l-ewwel baġit li kien ibbażat biss fuq l-istruttura bbażata fuq l-attività. Intlaħqet ukoll l-isfida konkomitanti li jiġi adattat ir-rapportar tal-baġit.

L-2004 kienet it-tieni sena ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzarju f'sura ġdida u r-**rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi** juru li r-regoli l-ġodda issa ffiltraw mill-prattika ta' l-amministrazzjoni. Fir-rapporti ta' l-2004 jistgħu jitneħħew ir-riservi li jindikaw ċerti problemi tal-bidu osservati matul l-2003 .

Il-konklużjonijiet ta' l-azzjoni ta' sinteżi dwar il-'finanzjament konġunt' jiffavorixxu semplifikazzjoni akbar permezz ta' użu aktar fil-wisa' ta' pagamenti fuq rata fissa. Il-Kummissjoni qiegħda temenda r-Regoli li Jimplimentaw ir-Regolament Finanzjarju, li jimmiraw b'mod partikolari lejn is-semplifikazzjoni ta' kuntratti u għotjiet b'valur żgħir u lejn kontrolli proporzjonati bbażati fuq l-analiżi tar-riskji. Fl-istess ħin, il-proposta għall-ewwel **reviżjoni ta' tliet snin tar-Regolament Finanzjarju** ġiet adottata u issa ser tiġi diskussa ma' l-istituzzjonijiet l-oħrajn. Din ir-reviżjoni ser tagħmel aktar effiċjenti l-metodi differenti li bihom jiġi implimentat il-baġit, tistabbilixxi bażi legali għal użu aktar wiesa' ta' għotjiet ta' somma f'daqqa u tiffoka fuq aktar semplifikazzjoni u proporzjonalità, filwaqt li toħloq bilanċ aħjar bejn il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-kontroll u r-riskji u l-ispejjeż involuti. Ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju ser jiġi ma' reviżjoni aktar tar-regoli li jimplimentawh.

### *3.2.1. Ir-Roadmap lejn qafas integrat tal-kontroll*

L-opinjoni tal-**Qorti ta' l-Awdituri** dwar il-verifika waħdanija u **r-rakkomandazzjoni tal-Parlament dwar il-ħlas tad-dejn** għall-2003 timmarka l-punti tat-tluaq għal *qafas Komunitarju għall-kontroll intern.* Dan il-qafas integrat tal-kontroll intern huwa meħtieġ sabiex tiġi mgħaqqda katina loġika, fejn il-kontrolli li saru tul stadji aktar bikrija jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv fil-livelli aktar 'il quddiem fiż-żmien biex tissaħħaħ l-assigurazzjoni tagħhom tal-legalità u tar-regolarità tat-transazzjonijiet bażiċi. Il-kontrolli għandhom ikunu proporzjonati sabiex jinħoloq bilanċ xieraq bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji (kemm bħala flus kif ukoll bħala politika).

Fuq il-bażi ta' l-assigurazzjoni provduta permezz ta' dan il-qafas integrat tal-kontroll, u fuq il-kisbiet li diġà ġabet ir-riforma, il-Kummissjoni timmira li tikseb dikjarazzjoni annwali ta' l-assigurazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri, li għandu jkun fiha osservazzjonijiet aktar iffokati u limitati dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti. Komunikazzjoni li ġiet adottata b'mod parallel għal din is-Sinteżi tistabbilixxi l-prinċipji politiċi ewlenin għal qafas integrat tal-kontroll bħal dan, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-parteċipanti differenti, inklużi dawk fuq livelli ta' Stat Membru, u l-proċedura li għandha twassal għall-adozzjoni ta' *roadmap* qabel l-aħħar tas-sena.

It-twaqqif ta' qafas integrat tal-kontroll intern li, b'mod partikolari, għandu jipprovdi mezz biex ir-riżultati tal-verifiki jitqassmu fuq il-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni ser jirrinforza l-effiċjenza u l-effikaċja. L-ambitu għas-semplifikazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-fondi tal-

KE jeħtieġ li jiġi esplorat, filwaqt li jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-kontroll huma proporzjonati għar-riskju.

Diġà ttieħdu passi sostanzjali qabel l-adozzjoni tar-*roadmap* lejn qafas integrat tal-kontroll intern, inklużi d-dispożizzjonijiet ġodda fil-proposti leġiżlattivi għall-amministrazzjoni finanzjarja fl-għajnuna Agrikola u Strutturali taħt il-Perspettivi Finanzjarji li jmiss. Titjib ieħor addizzjonali huwa l-eżerċizzju ta' armonizzazzjoni matul ir-reviżjoni minn partijiet indaqs msemmija aktar 'il fuq tar-riservi potenzjali, li beda riflessjoni għal bażi biex ikunu ddeterminati l-'livelli aċċettabbli ta' l-iżbalji'. Kif tindika **l-istampa ġenerali tal-kontroll intern,** sabiex il-familji tas-servizzi jiffissaw limiti komuni, il-metodoloġiji tal-kontroll għandhom jiġu kalibrati u armonizzati fi ħdan kull familja.

**Konklużjonijiet**

***Lejn qafas integrat tal-kontroll:* Il-Kummissjoni ser tistieden lill-istituzzjonijiet involuti ta' l-UE kkonċernati sabiex jiżviluppaw metodu komuni għal dan il-qafas, li jinkludi assigurazzjoni aktar b'saħħitha fuq il-livell tal-Kummissjoni permezz tar-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi u assigurazzjonijiet akbar mill-Istati Membri li jimplimentaw il-baġit Komunitarju taħt amministrazzjoni komuni. Dawk l-assigurazzjonijiet se jissaħħu b'mod aktar ċar minn proċeduri sodi ta' kontroll intern, minn mekkaniżmi ta' valutazzjoni u ta' rapportar, inkluż it-tqassim tar-riżultati tal-verifiki fuq il-livelli kollha.**

*3.2.2. Il-kontrolli ex-ante u ex-post*

Il-kontrolli *ex-ante* u *ex-post* huma komponenti importanti tal-qafas tal-kontroll intern li tapplika l-Kummissjoni. **Ir-rapporti annwali ta' l-attività tas-servizzi** juru titjib kontinwu b'mod ġenerali, iżda livell mhux biżżejjed ta' kontrolli *ex-post* f'ċerti każijiet, li wasslu għal ftit riservi. Id-**deskrizzjoni fil-qosor tal-kontroll intern** tindika li s-servizzi għandhom jippreparaw biex itejbu r-rapportar tagħhom fuq l-istrateġija tagħhom ta' kontroll u l-implimentazzjoni tagħha sabiex tista' tinkiseb aktar evidenza għad-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni raġonevoli. Il-ħtieġa li jkun hemm aktar armonizzazzjoni u kalibrar tal-kontrolli *ex-post* skond l-oqsma differenti tal-baġit ġiet indikata wkoll mill-**Awditur Intern,** li jissuġġerixxi li r-rapporti annwali ta' l-attività u s-sinteżijiet tagħhom jagħtu rendikont aktar sħiħ tar-riżultati ta' dawn il-kontrolli.

Ġie stabbilit *Netwerk tal-kontrolli ex-post* fit-tieni parti ta' l-2004, sabiex jiddefinixxi l-linji ta' gwida, iħalli l-użu komuni tal-prattika tajba fost is-servizzi u jiżgura lingwaġġ u fehim komuni rigward il-kontrolli *ex-post.*

Il-progress f'dan il-qasam għandu jsir possibbli minħabba r-*roadmap* lejn qafas integrat tal-kontroll li, b'mod partikolari, ser jgħin biex jinħoloq bilanċ aħjar bejn l-ispejjeż tal-kontrolli u l-benefiċċji mistennija minnhom, kif kien issuġġerit ukoll mill-**Awditur Intern.** Barra minn hekk, dan ta' l-aħħar jirrikkmanda li tiġi adottata strateġija aktar ċara għall-'verifiki ta' l-għeluq' fl-aħħar ta' perjodu ta' programmazzjoni għal *amministrazzjoni komuni u deċentralizzata* u l-formulazzjoni ta' linji ta' gwida aktar preċiżi għall-kontrolli *ex-post* imwettqa mill-aġenziji nazzjonali taħt *l-amministrazzjoni indiretta deċentralizzata.*

L-esperimenti li għamlu xi servizzi li kellhom iduru għal ċertifikati indipendenti tal-verifika dwar klejms għal spejjeż mill-benefiċjarji għandhom ikomplu, sabiex ikunu jistgħu jinġibdu l-konklużjonijiet malajr dwar l-impatt ta' ċertifikati bħal dawn fuq il-kontrolli *ex-post.* B'mod

parallel, li jintużaw aktar il-pagamenti b'rata fissa għal uħud mill-għotjiet għandu jibdel in-natura tal-kontroll *ex-post* billi tagħti lok għal kontrolli ffokati aħjar, iktar ta' kwalitattivi u disważivi.

**Konklużjonijiet**

***Kontrolli* ex-ante *u* ex-post *aktar koordinati u effiċjenti:* L-armonizzazzjoni tal-metodoloġija u tad-definizzjoni ta' l-istrateġiji komuni tal-verifiki, għall-inqas fuq livell ta' 'familji' tas-servizzi li joperaw fl-istess qasam tal-baġit, għandhom jittejbu b'mod kontinwu. Fil-kuntest tar-*roadmap* lejn qafas integrat tal-kontroll intern, is-servizzi li joperaw fl-istess qasam tal-baġit ser jesploraw il-mod l-aktar xieraq biex jiġi organizzat it-tqassim tar-riżorsi bejn il-'familji', jew b'koordinazzjoni eqreb (verifiki konġuti, metodoloġija komuni, tqassim tar-riżultati) jew b'sinerġiji (fejn is-servizz ewlieni jagħmel il-verifiki f'isem servizzi iżgħar). Dan progressivament se jippermetti armonizzazzjoni, l-kontrolli *ex-post* aktar iffokati u effiċjenza mtejba.**

*3.2.3. Iż-żamma tal-kotba u r-rapportar finanzjarju*

L-**Awditur Intern** u l-**awtorità tal-ħlas tad-dejn** jirrikkmandaw li l-Uffiċjal tal-Kontijiet j/tagħlaq il-kontijiet tal-Kummissjoni u j/tingħata wkoll pożizzjoni ogħla ta' 'Uffiċjal Kap tal-Finanzi' sabiex j/taġixxi bħala kontrapiż ċentrali għad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Fuq bażi tal-prinċipji ewlenin tar-riforma amministrattiva, li jipprovdu għad-deċentralizzazzjoni tal-kompiti ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll u għal responsabbiltà akbar fuq livell ta' servizzi, is-servizzi tal-Kummissjoni jibqgħu għal kollox responsabbli għal-legalità u għar-regolarità tat-transazzjonijiet bażiċi. Id-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni magħmula mid-Diretturi-ġenerali fir-rapporti annwali ta' l-attività tagħhom għandhom jiċċertifikaw li l-kontijiet li huma responsabbli għalihom huma preċiżi u eżawrjenti.

